30 ta' Lulju, 1955

## Imħallef:
## Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Nutar Dr. Rosario Frendo Randon, LL.D.

## Rikużazzjoni ta' l-Imħallef — Astensjoni

*L-Imħallef ma jistax jilqa' l-eċċezzjoni (ta' rikużazzjoni, jew jastjeni ruħu, ħlief għal xi wieħed mill-motivi msemmijin fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jew meta r-reat ikun sar bi ħsara tiegħu jew ta' martu, jew ta' xi ħadd li jiġi minnu mid-demm, jew imħallat miegħu bi żwieġ, fil-gradi msemmijin fil-liġi.*

*Il-motivi ta' rikużazzjoni jew astensjoni huma stabbiliti mil-liġi tassattivament; u għalhekk l-Imħallef ma jistax jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikużazzjoni, jew jastjeni ruħu, ħlief meta jirrikorri xi wieħed minn dawk il-motivi.*

*Fost dawk il-motivi, hemm dak li l-kawża tkun ġa ġiet darb'oħra quddiem l-Imħallef sedenti; u bil-kelma "kawża" l-leġislatur ried jirriferixxi għall-istess kawża li fuqha ngħatat id-deċiżjoni preċedenti.*

*Jekk jirriżulta li l-pont li hemm quddiem l-Imħallef sedenti ma għandux x'jaqsam mal-meritu ta' kawża li kellu quddiemu f'sede ċivili, jew li quddiemu hemm biss xi inċident li qatt ma ġie diskuss jew almenu deċiż f'kawża ċivili li hija pendenti quddiem dak l-Imħallef, dak l-Imħallef ma għandux jilqa' l-eċċezzjoni ta' rikużazzjoni, avvolja f'dik il-kawża ċivili huwa ġa qata' waħda mid-domandi, u l-kawża għadha tinsab pendenti quddiemu għad-definizzjoni tad-domandi l-oħra.*

Il-Qorti: — Rat in-nota ta' l-imputat appellant, tas-16 ta' Lulju, 1955, li biha jeċċepixxi illi l-Imħallef li attwal-

ment jippresjedi ġa ħa konjizzjoni tal-meritu ta' din il-kawża fil-Qorti Ċivili Prim'Awla, u għalhekk huwa jirrikużah milli jieħu konjizzjoni ta' l-istess kawża;

Semgħet id-diskussjoni ta' l-inċident;

*Ikkunsidrat;*

Illi l-Imħallef ma jistax jilqa' l-eċċezzjoni ta' rikużazzjoni jew jastjeni ruħu ħlief għal xi wieħed mill-motivi msemmijin fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jew meta r-reat ikun sar bi ħsara tiegħu jew ta' martu, jew ta' xi ħadd li jiġi minnu mid-demm, jew imħallat miegħu fi żwieġ, fil-gradi msemmijin fl-istess liġi. Il-motivi tar-rikużazzjoni jew astensjoni huma tassattivament stabbiliti mil-liġi; għaliex ma għandux jitħalla fid-diskrezzjoni skonfinata tal-Imħallef illi jieħu konjizzjoni ta' kawża jew le. Għalhekk l-Imħallef ma jistax jakkolji l-eċċezzjoni, jew jastjeni ruħu, ħlief meta jirrikorri xi wieħed minn dawk il-motivi. Fost dawk il-motivi hemm dak li l-kawża tkun ġa ġiet darb'oħra quddiem l-Imħallef sedenti. U bil-kelma "kawża", użata fil-liġi, il-leġislatur ried jirriferixxi għall-istess kawża li fuqha ngħatat id-deċiżjoni preċedenti (Kollez. XXXII-IV-601);

*Illi l-motiv ta'* rikużazzjoni miġjub mill-appellant hu li l-Imħallef sedenti ġa ħa konjizzjoni tal-meritu ta' din il-kawża fil-Qorti Ċivili Prim'Awla. Għalhekk il-Qorti għandha teżamina jekk dan il-motiv hux fondat jew le; u biex dan isir, hemm bżonn illi jinġiebu fil-qosor il-fattispeċje tal-każ, li huma kif sejjer jissemma;

Illi b'sentenza tal-31 ta' Lulju, 1949, mogħtija mill-*Qorti Kriminali* tal-Maġistrati ta' Malta, l-imputat, flimkien ma' persuni oħra, ġie misjub ħati illi f'San Ġiljan, f'dawk l-aħħar sitt xhur, billi hu s-sid ta' proprjetà f'Bay Street, ħalla parti ta' din it-trieq, li tmiss mal-proprjetà tiegħu, fi stat ħażin ta' tiswija, u ġie kundannat riprensjoni u ammonizzjoni, u ġie mogħti sitt xhur żmien biex ilesti x-xogħol, taħt penali ta' 2s. 6d. kulljum. L-imputat appella minn dik is-sentenza. B'digriet tad-19 ta' Settembru, 1949, dina l-Qorti, diversament presjeduta, issospendiet it-trattazzjoni ta' din il-kawża "sine die" sakemm tiġi definittivament deċiża l-kwistjoni ta' min hi l-pertinenza tat-trieq; b'dana,

però, *illi*, jekk fi żmien għoxrin ġurnata l-imputat appellant ma jippreżentax nota li biha juri li fil-fatt huwa eżerċita l-azzjoni opportuna f'sedi ċivili, allura l-Prosekuzzjoni tista' titlob ir-riappuntament ta' din il-kawża; kif tista' titlobha wkoll, avvolja tkun ġiet intavolata l-azzjoni, jekk il-Prosekuzzjoni turi lill-Qorti illi l-appellant ma jipprosegwix l-azzjoni ċivili bid-diliġenza meħtieġa;

B'rikors tat-13 ta' Jannar, 1950, l-Attorney General talab illi l-kawża tiġi riappuntata, billi l-appellant ma kienx ipproċeda quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Ċivili skond ma ġie lilu ordnat bid-digriet tad-19 ta' Settembru, 1949. Il-kawża ġiet riappuntata. Fis-seduta ta' l-ewwel ta' Marzu 1950 l-apellant, fost ħwejjeġ oħra, ta l-eċċezzjoni li l-Gvern kien akkwista dik it-triq bil-pussess triġenarju, kif ukoll l-eċċezzjoni li l-Gvern ma għamelx il-provi li t-triq mhix privata; u talab differiment biex jipproduċi provi fuq l-ewwel eċċezzjoni. Il-Prosekutur Publiku ma opponiex għad-differiment. Fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 1950, in vista ta' l-eċċezzjoni fuq imsemmija sollevata mill-appellant, il-Qorti tat *lil* dana ħmistax *il-ġurnata* żmien biex jipproċedi ċivilment, u jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu fis-sedi ċivili in kontestazzjoni ma' l-awtorità kompetenti; u ħalliet il-kawża għad-19 ta' April, 1950, biex dak inhar, fil-każ li l-appellant ikun iddeduċa regolarment il-pretensjoni tiegħu, il-Qorti tissoprassjedi għall-appell sakemm il-kwistjoni tiġi deċiża definittivament fis-sedi ċivili, u jekk sa dak iż-żmien ma jkun sar xejn, tgħaddi għat-trattazzjoni u deċiżjoni ta' l-appell inattiża l-eċċezzjoni fuq imsemmija;

B'nota tal-10 ta' April, 1950, l-appellant iddikjara illi fl-4 ta' dak ix-xahar huwa ppreżenta fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċitazzjoni għall-finijiet tal-verbal tat-22 ta' Marzu, 1950. Fil-fatt l-appellant iddeduċa l-pretensjoni tiegħu quddiem l-imsemmija Qorti, billi talab illi jiġi dikjarat (1) illi l-parti tat-triq fil-kwistjoni mhix proprjetà tiegħu, u (2) illi l-imsemmija parti tat-triq hi proprjetà tal-Gvern. B'sentenza tat-23 ta' Novembru, 1953 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, *sedenti l-Imħallef li l-lum qiegħed jippresjedi* dina l-Qorti, irrespinġiet it-tieni talba, u ħalliet il-kawża

"sine die", riappuntabbli b'rikors, biex eventwalment tiġi trattata l-ewwel talba, wara illi dik is-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat. Din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tal-10 ta' Jannar, 1955. Wara l-prolazzjoni ta' dina s-sentenza, l-appellant talab, u ottjena, ir-riappuntament tal-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi trattata u deċiża l-ewwel talba tiegħu fuq imsemmija, dedotta minnu quddiem l-imsemmija Qorti. Sadattant fl-10 ta' Mejju, 1952 dina l-Qorti kienet iddifferiet il-kawża "sine die", riappuntabbli fuq talba ta' anki waħda mill-partijiet, appena jkun ġudikat fuq l-istess kwistjoni ċivili involuta f'dan l-appell. Għalhekk, b'rikors tal-20 ta' Mejju, 1955, l-Attorney General, wara li espona illi bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-10 ta' Jannar, 1955, ġiet riżoluta l-unika kwistjoni, fil-fehma tiegħu, involuta f'dan l-appell, u illi huwa kien jixtieq jissottometti argumenti biex juri illi t-talba l-oħra ta' l-appellant dedotta fis-sedi ċivili hi irrilevanti għall-finijiet tal-prosekuzzjoni kriminali, talab illi dina l-Qorti tirriappunta l-kawża. Ir-rikors ġie bl-ordni tal-Qorti notifikat lill-appellant, li b'risposta tas-6 ta' Ġunju, 1955, oppona ruħu għat-talba *ta' l-Attorney* General, billi ssottometta illi huwa ma jara ebda utilità fir-riappuntament ta' dan l-appell qabel ma jiġi eżawrit għal kollox il-meritu tal-kawża ċivili. B'digriet tas-7 ta' Ġunju, 1955, dina l-Qorti, wara li kkunsidrat illi hu xieraq li jiġi diskuss l-inċident dwar jekk il-Qorti għandhiex tkompli tissoprassjedi sakemm tinqata l-kawża ċivili fuq id-domanda rimasta, jew għandhiex tgħaddi l-quddiem fit-trattazzjoni u deċiżjoni tal-każ, bla preġudizzju ta' din il-kwistjoni, irriappuntat *il-kawża għad-9 ta' Lulju, 1955;*

Illi minn dan li ntqal jidher ċar illi, pendenti attwalment quddiem din il-Qorti ma hemm xejn li għandu proprjament x'jaqsam mal-meritu tal-kawża, imma hemm biss l-inċident fuq imsemmi; liema inċident, bħala tali, qatt ma ġie b'xi mod diskuss jew almenu deċiż mill-Prim'Awla Ċivili sedenti l-Imħallef li qiegħed jippresjedi dina l-Qorti fil-kawża ġa msemmija. Għalhekk, għalkemm l-istess Imħallef ħa konjizzjoni u ddeċieda waħda miż-żewġ talbiet dedotti *mill-appellant f'dik il-kawża ċivili*, dan l-inċident, al-

menu fit-termini kif jinsab miġjub il-lum f'din il-kawża, qatt ma ġie quddiemu bħala Imħallef; b'konsegwenza li ma tapplikax fir-rigward tiegħu d-dispożizzoni ta' l-art. 735(d) (ii) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15);

Għalhekk;

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikużazzjoni ta' l-Imħallef sedenti, sollevata mill-imputat appellant.